27 ta' Gunju, 1953

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Michele Azzopardi *versus* Leonardo Cellus

## Appoġġ — Ħajt Diviżorju — Art. 455, 457 u 459 tal-Kodiċi Ċivili.

*Id-dispożizzjoni ta' l-art. 455 tal-Kodiċi Ċivili tagħti lil kull sid il-fakoltà li jirrendi komuni, kollu jew f'biċċa, ħajt li jmiss mal-fond tiegħu, bil-kondizzjonijiet hemm speċifikati; mentri l-art. 457 jimponi lill-viċin l-obligu li jikkontribwixxi sehem mill-ispejjeż tal-bini jew ta' tiswija ta' ħitan li jaqsmu btieħi, ġonna jew għelieqi.*

*Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jipproduċu effetti diversi, billi fl-ewwel każ il-viċin jista', imma mhux obligat, jeżerċita dak id-dritt, mentri d-dritt prevedut fl-art. 457 jikkostitwixxi obligu għall-viċin l-ieħor, li ma jistax jeħles minnu ħlief billi jċedi nofs l-art li fuqha l-ħajt li jaqsam għandu jinbena, u jirrinunzja għall-jedd tiegħu ta' komunjoni fuq dak il-ħajt. Barra minn dan, mentri l-appoġġ fl-ewwel każ jippresupponi li l-ħajt ikun ġà tela' a spejjeż biss ta' min bnieh, l-art. 457 jippresupponi li l-kostruzzjoni tal-ħajt issir miż-żewġ proprjetarji u bi spejjeż komuni, b'mod li, jekk wieħed minnhom ma jipprevalixxix ruħu mid-dritt li tagħtih il-liġi, u jibni l-ħajt għal rasu, ma jistax imbagħad idur fuq il-viċin għal sehmu mill-ispejjeż u l-valur ta' l-art, għaliex ma jistax jobligah jakkwista l-komunjoni tal-ħajt.*

*Għaldaqstant l-azzjoni derivanti mill-art. 455 hija differenti minn dik derivanti mill-art. 457. U jekk jirriżulta li l-azzjoni eżerċitata hija dik bażata fuq l-art. 455, l-attur ma jistax jobliga l-viċin jirrendi komuni l-ħajt kollu, imma jista' jobligah biss li jħallas ta' dik il-parti tal-ħajt li magħha huwa poġġa l-bini tiegħu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenut poġġa l-bini tiegħu ġdid Ħal Kirkop, St. Joseph Street, ma fond ta' l-attur fl-istess triq, bla numru, liema appoġġ ġie stmat mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Eric Mamo £49. 11. 6 (dok. A); u billi l-konvenut ma ħallasx l-imsemmi appoġġ u £1. 3. 0 sehem tiegħu mill-onorarju tal-Perit Mamo, għalkemm interpellat b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Diċembru 1952; talab li l-konvenut jiġi minn din l-Onorabbli

Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £49. 11. 6, jew oħra verjuri, għall-appoġġ minnu pratikat fuq il-bini ta' l-attur Hal Kirkop, Saint Joseph Street, flimkien ma' £1. 3. 0 għal nofs l-onorarju tal-Perit Mamo, u hekk b'kollox £50. 14. 6; bl-imgħax legali sal-ħlas. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali konta l-konvenut, li huwa mħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, fit-trattazzjoni orali tal-kawża, spjega l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li huwa għandu jħallas biss ta' dik il-parti fejn poġġa l-bini tiegħu, iżda ma għandux iħallas ta' fejn materjalment ma poġġiex. Mill-banda l-oħra l-attur jippretendi li l-kelma "appoġġ" hija ġenerika, u tikkomprendi mhux biss il-parti tal-ħajt reża komuni, skond l-art. 455 (Kod. Ċiv.), imma anki l-kontribuzzjoni li l-viċin għandu jagħmel għall-kostruzzjoni u riparazzjoni tal-ħajt diviżorju, skond l-art. 457 (Kod. ċit.);

Illi ż-żewġ dispożizzjonijiet fuq ċitati jikkontemplaw każi diversi. Difatti l-art. 455 jagħti lil kull sid il-"fakoltà" li jirrendi komuni, kollu jew biċċa minnu, ħajt li jmiss mal-fond tiegħu, bil-kondizzjonijiet hemm speċifikati; mentri l-art. 457 jimponi l-"obligu" lill-viċin li jikkontribwixxi sehem mill-ispejjeż tal-bini jew ta' tiswija ta' ħitan li jaqsmu btieħi, ġonna jew għelieqi. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jipproduċu effetti diversi. Difatti d-dritt kontemplat fl-art. 455 huwa merament fakoltativ, u kwindi l-viċin jista', imma mhux obligat, jeżerċitah; mentri d-dritt prevedut fl-art. 457 jikkostitwixxi obligu għall-viċin, li ma jkunx jista' jeħles minnu ħlief billi jċedi nofs l-art li fuqha l-ħajt li jaqsam għandu jinbena, u jirrinunċja għall-jedd tiegħu ta' komunjoni f'dak il-ħajt (art. 459 Kod. ċit.). Di pjù, mentri l-appoġġ kontemplat fl-art. 455 jippresupponi li l-ħajt ikun ġà tela' a spejjeż biss ta' min ikun bnieh, l-art. 457 għandu bħala presuppost li l-kostruzzjoni tal-ħajt issir miż-żewġ proprjetarji limitrofi u a spejjeż komuni; tant li jekk wieħed minnhom ma jipprevalixxix ruħu mid-dritt li tagħtih il-liġi, u jibni l-ħajt għal rasu, ma jistax imbagħad idur fuq il-viċin għal sehmu mill-ispejjeż u tal-valur ta' l-art,

għaliex ma jistax jobbligah jakkwista l-komunjoni tal-ħajt li, kif fuq ingħad, hija merament fakoltativa (Kollez. XXX—II—235);

Illi minn dan jidher li l-azzjoni derivanti mill-art. 455 hija differenti minn dik relativa għall-art. 457; u konsegwentement hu dinir tal-Qorti li teżamina liema minnhom tinsab esperita mill-attur;

Illi fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur, wara li ppremetta li "il-konvenut poġġa l-bini tiegħu ġdid Ħal Kirkop, St. Joseph Street, ma' fond ta' l-attur fl-istess triq", talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur £49. 11. 6, jew somma verjuri, għall-"appoġġ minnu pratikat";

Dina l-lokuzzjoni, bla dubju, tirriferixxi għall-każ kontemplat fl-art. 455 fuq ċitat, u l-Qorti mhix sejra testendi l-oġġett tal-kawża oltre dawk il-limiti;

Illi mhux aktar diskutibili d-dritt tal-viċin li jirrendi komuni parti biss mill-ħajt diviżorju (art. 455 Kodiċi ċitat); u konsegwentement hu jkollu jħallas biss ta' dik il-parti, u ma hux tal-ħajt kollu (v. App. Civ. 8. 11. 1912 "Santi Biazza vs. P.A. Andrea Grima", inedita). L-attur ħass il-forza ta' dina l-konklużjoni, u pprokura li fl-istima ta' l-appoġġ, minnu eżibita fol. 5, tiġi kalkulata l-ispiża dovuta mill-konvenut għall-appoġġ minnu effettivament pratikat;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda ta' l-attur hija sostenibili biss rigward il-valur ta' l-appoġġ mill-konvenut effettivament pratikat, u mhux ukoll għall-ispiża kollha minnu inkorsa għall-bini tal-ħajt diviżorju kollu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £35. 13. 6, u tirrespinġiha għall-kumplament;

L-ispejjeż jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf.